MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 254/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Inez Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hmistax il-lira tnejn u sebghin centezmu (Lm515.72) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numri 21221216 kif jirrizulta skond l-annessi dokumenti hawn markati bhala Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta ta hames mija u hmistax il-lira tnejn u sebghin centezmu (Lm515.72) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta din il-procedura u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-konvenuta..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------